

**Brussell, 13 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)**

**14932/21**

**AGRI 636  
PHYTOSAN 37  
AGRILEG 268**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 787 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL għall-preżentazzjoni tal-esperjenza li nkisbet mill-estenzjoni tas-sistema tal-passaporti tal-pjanti għall-moviment kollu ta' pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 787 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 787 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.12.2021  
COM(2021) 787 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**għall-preżentazzjoni tal-esperjenza li nkisbet mill-estenzjoni tas-sistema tal-passaporti  
tal-pjanti għall-moviment kollu ta' pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni**

## Werrej

<b>1</b>	<b>INTRODUZZJONI</b> .....	<b>3</b>
<b>2</b>	<b>L-ESTENSJONI TAS-SISTEMA TAL-PASSAPORT TAL-PJANTI GĦALL-PJANTI KOLLHA GĦAT-TĦAWWIL</b> .....	<b>5</b>
<b>3</b>	<b>ELEMENTI OĦRA TAS-SISTEMA TAL-PASSAPORT TAL-PJANTI KOPERTI MILL-KWESTJONARJU</b> .....	<b>6</b>
3.1	Format armonizzat tal-passaport tal-pjanti .....	6
3.2	Twaħħil tal-passaport tal-pjanti mal-unità tan-negozjar.....	6
3.3	Rekwiżiti għall-operaturi awtorizzati li joħorġu l-passaporti tal-pjanti.....	7
3.4	Arranġamenti għall-bejgħ mill-bogħod – il-ħruġ ta’ passaport tal-pjanti għall-utent finali .....	8
3.5	Passaporti elettroniċi tal-pjanti.....	9
3.6	Pesti rregolati mhux ta’ kwarantina fl-Unjoni (RNQPs) .....	9
3.7	Għarfien ġenerali dwar il-passaporti tal-pjanti .....	10
<b>4</b>	<b>KONKLUŻJONIJIET</b> .....	<b>11</b>

## **ABBREVJAZZJONIJIET**

AK: Awtorità Kompetenti

DĠ SANTE: Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

UE: L-Unjoni Ewropea

NPPO: Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti

RNQP: Pest Irregolat Mhux ta' Kwarantina fl-Unjoni

QP: Pest ta' Kwarantina fl-Unjoni

## 1 INTRODUZZJONI

Għal dawn l-aħħar kważi għoxrin sena, sal-2019, il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar is-saħħa tal-pjanti kien irregolat mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE<sup>1</sup>. Id-Direttiva kienet tinkludi l-kunċett ta' passaporti tal-pjanti bħala marka miftiehma żviluppata bil-għan li tibbilanċja l-kummerċ ħieles tal-materjal tal-pjanti madwar l-UE u l-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni kontra t-tixrid ta' pesti tal-pjanti rregolati li jseħħu fl-UE. Il-passaport tal-pjanti beda jintuża biex jakkumpanja l-materjal tal-pjanti li jinġarr minn Stat Membru għal ieħor, u ssostitwixxa ċ-ċertifikat fitosanitarju, li huwa d-dokument internazzjonali previst skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti. Il-passaporti tal-pjanti kellhom jintużaw ukoll għall-movimenti tal-pjanti fi Stat Membru sabiex tiġi kkonfermata l-konformità ta' daww il-pjanti mar-rekwiżiti rispettivi dwar is-saħħa tal-pjanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, il-kontrolli uffiċjali fuq il-passaporti tal-pjanti issa kellhom isiru fejn ġie prodott il-materjal tal-pjanti (il-bini tal-operatur) minflok fil-fruntiera jew fid-destinazzjoni, u ġie stabbilit obbligu ta' reġistrazzjoni għall-operaturi li jittrattaw il-pjanti u l-materjali tal-pjanti rregolati, u l-ħruġ ta' passaporti tal-pjanti.

Skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, u sal-2019, passaport tal-pjanti kien meħtieġ biss għal speċijiet speċifiċi ta' pjanti u żrieragħ u għal ċerti tipi ta' materjal tal-pjanti marbuta ma' riskji fitosanitariji identifikati speċifikament. Iżda bit-tnejn tar-Regolament il-ġdid dwar is-Saħħa tal-pjanti (ir-Regolament (UE) 2016/2031<sup>2</sup>) tqies li s-sistema tal-passaport tal-pjanti ma kinitx qiegħda taħdem għall-potenzjal sħiħ tagħha u ġie miftiehem li r-rekwiżit li pjanta għandha tkun akkumpanjata minn passaport tal-pjanti jiġi estiż għal firxa akbar ta' żrieragħ u, b'mod partikolari, għall-pjanti kollha għat-tħawwil<sup>3</sup>. L-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil ġiet ikkomplementata b'xi dispożizzjonijiet oħra mmirati lejn it-tisħiħ tas-sistema tal-passaport tal-pjanti, sabiex issir aktar robusta u affidabbli u sabiex jittejjeb ir-rikonoxximent tagħha partikolarment ma' operaturi professjonali. Il-bidliet ewlenin introdotti kienu l-introduzzjoni ta' format armonizzat ta' passaport tal-pjanti; obbligu għall-operaturi li jehmżu passaport tal-pjanti mal-unità kummerċjali tal-pjanti jew tal-materjal tal-pjanti, jew mal-imballaġġ, mal-faxx jew mal-kontenitur tagħhom; u l-obbligi li l-operaturi jiżguraw it-traċċabbiltà tal-pjanti jew tal-materjal tal-pjanti u li jwettqu l-eżamijiet għall-passaport tal-pjanti.

Skont l-Artikolu 79(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba mill-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti għall-moviment kollu tal-pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni li jinkludi analiżi ċara tal-kostijiet u l-benefiċċji għall-operaturi, akkumpanjata, jekk xieraq bi proposta leġiżlattiva. Dan ir-rapport jindirizza dawn ir-rekwiżiti.

---

<sup>1</sup> ĠU L 169, 10.07.2000, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p.4

<sup>3</sup> Dan ikopri l-ispeċijiet u t-tipi kollha tal-pjanti – eż. pjanti fil-qsari, siġar u arbuxelli, nebbieta, brokk, salvaġġ, eċċ. – li jiġu nneozjati, u li jippermettu li jerġgħu jitħawlu u jkomplu jitkabbru.

## Metodoloġija

Sabiex twieġeb għal dawn ir-rekwiżiti, il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza kollha disponibbli. Minħabba l-fatt li l-bidla leġiżlattiva bdiet tapplika biss f'Diċembru tal-2019 u li l-analiżi saret fi Frar tal-2021, ma setgħetx tintuża *data* disponibbli pubblikament. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda obbligu ta' rapportar għall-Istati Membri għall-aspetti li jeħtieġ li jiġu evalwati, u l-ebda riżultat tal-awditi tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti fl-Istati Membri. Għalhekk, l-uniku approċċ disponibbli biex tinkiseb evidenza sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti ta' rapportar kien li jintalbu direttament lill-operaturi ekonomiċi u lill-korpi amministrattivi involuti fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-kummerċ intra-UE fuq il-pjanti peress li huma dawk li qegħdin jesperjenzaw il-bidliet leġiżlattivi. Għal dan, il-Kummissjoni abbozzat kwestjonarju b'70 mistoqsija li ġie vvalidat mill-Istati Membri u mill-assoċjazzjonijiet tal-UE. Il-mistoqsijiet kellhom l-għan li jiksibu riżultati dwar l-esperjenza miksuba mill-estensjoni tal-passaport tal-pjanti għall-movimenti kollha tal-pjanti għat-tħawwil, kif ukoll dwar il-kostijiet, il-benefiċċji u l-impatti, sabiex titwettagħ l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Il-kwestjonarju<sup>4</sup> ntbagħat lil 27 Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (NPPO) u Awtorità Kompetenti (AK) taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istati Membri u lil 48 assoċjazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE. L-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, l-operaturi, u l-pubbliku ġenerali jistgħu jaċċessaw il-kwestjonarju permezz tas-sit web tad-DĠ SANTE. F'dan l-aħħar każ, il-Kummissjoni u l-NPPOs tal-UE għenu sabiex jirreklamaw il-kwestjonarji permezz tal-media soċjali u kanali oħra. Waslu total ta' 177 tveġiba minn 25 Stat Membru. Il-livell ta' parteċipazzjoni varja fost il-kategoriji diversi tal-partijiet ikkonċernati kif ġej: Erbġħa u għoxrin NPPO<sup>5</sup>, disa' AK taċ-Ċertifikazzjoni minn seba' Stati Membri<sup>6</sup>, 43 operatur minn 10 Stati Membri<sup>7</sup>, 44 assoċjazzjoni nazzjonali minn 13-il Stat Membru<sup>8</sup>, 50 tveġiba mingħand iċ-ċittadini ta' ħames Stati Membri<sup>9</sup> u seba' assoċjazzjonijiet fil-livell tal-UE.

Sabiex tappoġġa dan ir-rapport, il-Kummissjoni pproduċiet rapport tekniku<sup>10</sup> b'informazzjoni dwar il-feedback li rċeviet u analiżi estensiva ta' dak il-feedback li hija disponibbli għall-pubbliku.

L-analiżi tal-Kummissjoni hija mxekkla minn tliet fatturi: l-ewwel nett, il-kontribuzzjoni tal-Awtoritajiet Kompetenti taċ-Ċertifikazzjoni, tal-operaturi, tal-assoċjazzjonijiet u taċ-ċittadini kienet limitata ħafna u b'hekk, l-analiżi ma tistax tkun konklużiva għal dawn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati; it-tieni, il-qosor taż-żmien bejn id-dħul fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet diversi u t-talba għall-feedback; u fl-aħħar nett, l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kummerċ u fuq l-attivitatiet relatati mal-ambitu ta' dan ir-rapport.

Minħabba l-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq, f'ċerti każijiet ma setgħux jinġibdu konklużjonijiet dwar l-esperjenza miksuba mill-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti

<sup>4</sup> <https://ec.europa.eu/eusurvey/runner/PH-art-79-PP-portal>

<sup>5</sup> AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FI, FR, GR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SK, SE

<sup>6</sup> DE, FI, FR, NL, PL, SI, SE

<sup>7</sup> AT, CZ, DE, ES, FR, IT, NL, PT, SK, SE

<sup>8</sup> AT, BE, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, IT, LT, NL, PL, SE

<sup>9</sup> BE, DE, FR, NL, PL

<sup>10</sup> <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126789>

għal kull moviment ta' pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni. Il-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji marbuta mal-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti għall-moviment kollu tal-pjanti għat-tħawwil għall-operaturi twettqet biss sa fejn kien possibbli, minħabba li ma kienx hemm wisq feedback dwar id-*data* kwantitattiva mitluba, u din id-*data* ma kinitx disponibbli minn sorsi oħra. Minflok saret analiżi kwalitattiva dettaljata tal-kostijiet u tal-benefiċċji. Fl-aħħar nett, għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni rrestrinġiet ruħha li tidentifika s-suġġetti li jistħoq qilhom aktar diskussjoni.

## **2 L-ESTENSJONI TAS-SISTEMA TAL-PASSAPORT TAL-PJANTI GĦALL-PJANTI KOLLHA GĦAT-TĦAWWIL**

L-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) 2016/2031 introduċa l-obbligu li l-pjanti kollha għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, għandhom ikunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti meta jinġarru fit-territorju tal-Unjoni.

L-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti kellha l-għanijiet li żżid l-effettività tal-protezzjoni kontra l-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni (QPs), ittejjeb it-tnejn għall-identifikazzjoni ta' pesti ġodda tal-pjanti ta' tħassib għall-UE, u li jkollha applikazzjoni uniformi tal-politika, u fehim u għarfien aħjar tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Din l-estensjoni tqieset bħala pożittiva biex tizid it-traċċabbiltà tal-pjanti minn nofs ir-rispondenti, u l-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati kienu tal-fehma li żdiedet l-effettività tal-protezzjoni kontra l-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. It-tnejn għall-identifikazzjoni ta' pesti ġodda tal-pjanti ta' tħassib għall-UE ġiet ikklassifikata bħala mtejbja inkella baqgħet l-istess, u l-fehim u l-għarfien tal-partijiet ikkonċernati rilevanti ġew ikklassifikati wkoll bħala mtejbja jew li baqgħu l-istess mill-biċċa l-kbira tar-rispondenti.

Min-naħa l-oħra, l-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti (it-tranżizzjoni lejn din ir-regola l-għdida u l-implimentazzjoni tagħha u l-kumplessità ġenerali tal-proċess tal-ħruġ jew tas-sostituzzjoni ta' passaport tal-pjanti) tqieset minn madwar żewġ terzi tal-partijiet ikkonċernati li hija peżanti u diffiċli u madwar kwart biss wiegħbu li din il-bidla hija maniġġabbli jew li ma esperjenzaw l-ebda tibdil. Din il-perċezzjoni tal-bidliet, minbarra ċerti aspetti speċifiċi li huma indirizzati fit-taqsimiet li ġejjin ta' dan ir-rapport, tista' tkun relatata mal-perjodu qasir bejn il-bidu tal-applikazzjoni tar-regoli l-għdida u l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni għal dan ir-rapport (minn Diċembru tal-2019 sa Frar tal-2021).

Bil-għan li jiġu identifikati l-gruppi ta' pjanti li wasslu għall-aktar diffikultajiet tekniċi, il-partijiet ikkonċernati ntalbu jelenkaw sa tliet pjanti jew gruppi ta' pjanti li dwarhom kienu esperjenzaw l-aktar diffikultajiet tekniċi minħabba l-estensjoni tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil. It-tliet gruppi ewlenin kienu l-pjanti ornamentali għat-tħawwil, iż-żrieragħ, u l-pjanti tal-frott għat-tħawwil. Meta wiegħbu l-mistoqsija opposta, jiġifieri liema huma t-tliet gruppi ewlenin li huma aktar faċli teknikament, il-partijiet ikkonċernati taw l-istess tliet gruppi, iżda kien hemm inqas tveġibiet.

Minħabba l-estensjoni tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil saru bidliet fil-persunal u fl-ammont ta' xogħol għall-operaturi u għall-organizzazzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti. L-impatt fuq l-ammont ta' xogħol tal-NPPOs kien akbar mill-bidliet fil-persunal. Dan jista' jkun minħabba l-fatt li xi istituzzjonijiet laħqu l-limitu massimu tal-persunal tagħhom, u m'għandhomx possibbiltà li jżidu l-għadd tal-persunal minkejja żieda fl-

ammont ta' xogħol. Il-bidla ma kellha l-ebda impatt uniformi fuq il-persunal għall-operaturi, peress li aktar minn nofshom iddikjaraw li ma kien hemm l-ebda bidla, jew ma kellhomx opinjoni, filwaqt li oħrajn iddikjaraw kemm żidiet kif ukoll tnaqqis. Madankollu, dan żied l-ammont ta' xogħol ta' aktar minn nofs l-operaturi li wiegħbu għall-kwestjonarju.

### **3 ELEMENTI OĦRA TAS-SISTEMA TAL-PASSAPORT TAL-PJANTI KOPERTI MILL-KWESTJONARJU**

#### **3.1 Format armonizzat tal-passaport tal-pjanti**

L-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/2031 introduċa format komuni għall-passaport tal-pjanti għall-Istati Membri kollha<sup>11</sup> sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Din il-bidla tidher li hija aċċettata mill-partijiet ikkonċernati, peress li l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati li wiegħbu għall-kwestjonarju wrew il-fehma li t-tranżizzjoni għal dan ir-rekwiżit il-ġdid kienet maniġġabbli jew faċli. Bl-istess mod, l-implimentazzjoni u l-kumplessità ta' din il-bidla ġew ikklassifikati b'mod pjuttost pożittiv, peress li kien hemm aktar tweġibiet pożittivi milli negattivi<sup>12</sup> mill-partijiet ikkonċernati li wiegħbu għall-kwestjonarju.

Kien hemm bidliet fil-persunal u fl-ammont ta' xogħol għall-operaturi u għall-NPPOs minħabba l-format armonizzat tal-passaport tal-pjanti. Il-bidla kellha impatt simili fuq il-persunal u fuq l-ammont ta' xogħol għall-operaturi, iżda kellha impatt akbar fuq l-ammont ta' xogħol tal-NPPOs.

#### **3.2 Twaħħil tal-passaport tal-pjanti mal-unità tan-negozjar**

L-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/2031 introduċa l-obbligu li l-passaport tal-pjanti għandu jinthemeż mill-operaturi professjonali mal-unità kummerċjali tal-pjanta, tal-prodott mill-pjanti u ta' oġġetti oħra qabel ma jinġarru fit-territorju tal-Unjoni sabiex tiżdied it-traċċabbiltà tal-pjanti, jitnaqqas ir-riskju li jinġarru l-pesti tal-pjanti, u jiżdied ir-rikonnoxximent tas-sistema tal-UE għas-saħħa tal-pjanti fost il-partijiet ikkonċernati. It-tweġibiet fil-kwestjonarju li waslu mill-partijiet ikkonċernati jindikaw li din kienet waħda mill-aktar bidliet diffiċli introdotti bir-Regolament, u forsi hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati ħassew li l-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil kienet peżanti u diffiċli (ara t-Taqsima 2).

It-tranżizzjoni għal dan ir-rekwiżit il-ġdid ġiet ikklassifikata bħala ta' piż jew ta' piż kbir minn 65 % tal-partijiet ikkonċernati, l-implimentazzjoni tagħha ġiet ikklassifikata bħala kkumplikata jew ħafna aktar ikkumplikata (meta mqabbel mar-rekwiżiti preċedenti) minn 81 % tal-partijiet ikkonċernati, u l-kumplessità tal-proċess għall-ħruġ jew għas-sostituzzjoni tal-passaport tal-pjanti ġiet ikklassifikata bħala aktar diffiċli minn nofs il-partijiet ikkonċernati.

---

<sup>11</sup> ĠU L 331, 14.12.2017, p. 44–52

<sup>12</sup> It-tranżizzjoni lejn il-format komuni tal-passaport tal-pjanti u l-implimentazzjoni u l-kumplessità tal-introduzzjoni tiegħu ġew ikklassifikati b'mod pożittiv minn 68 %, 56 % u 50 %, rispettivament, tal-partijiet ikkonċernati li wiegħbu għall-kwestjonarju meta mqabbel ma' 28.9 %, 39 % u 43 % rispettivament li kklassifikaw dawn l-aspetti b'mod negattiv.

Sabiex il-passaport tal-pjanti jinhemeż ma' xi tipi ta' pjanti, bħal turf f'rombli, zkuk tal-injam, kunsinni b'ħafna lottijiet żgħar, lottijiet ta' speċijiet diversi jew ta' speċijiet diversi f'qasrija waħda rriżulta wkoll li huwa diffiċli.

Filwaqt li l-NPPOs wrew il-fehma li l-hemża tal-passaport tal-pjanti mal-unità kummerċjali hija utli u tgħin biex ikun hemm aktar prevenzjoni<sup>13</sup>, l-operaturi kellhom l-opinjoni opposta (mhux utli u ma tgħinx biex ikun hemm aktar prevenzjoni<sup>14</sup>). Għal dawn ir-raġunijiet, l-operaturi kienu ssuġġerew li l-passaport tal-pjanti għandu jitħalla jiddaħħal fid-dokumenti tal-kunsinna, bħall-fatturi u li tiġi introdotta verżjoni elettronika tal-passaport tal-pjanti.

Kien hemm bidliet fil-persunal u fl-ammont ta' xogħol għall-operaturi u għall-NPPOs minħabba li l-passaport tal-pjanti jrid jinhemeż mal-unità kummerċjali. Din il-bidla kellha impatt akbar fuq l-ammont ta' xogħol tal-NPPOs milli tal-operaturi.

Ir-rekwiżit li l-passaport tal-pjanti jinthemeż mal-unità kummerċjali involva aktar kostijiet u ħin għall-operaturi u għall-katina tal-provvista, b'mod partikolari għal xi tipi ta' materjali, jew għall-ħtieġa ta' sistemi jew tagħmir tal-IT ġodda, apparti l-piż amministrattiv. Barra minn hekk, kien hemm bżonn ta' komunikazzjoni intensiva sabiex l-operaturi jiġu informati minħabba t-tranżizzjoni għar-regoli l-ġodda dwar il-passaport tal-pjanti.

### **3.3 Rekwiżiti għall-operaturi awtorizzati li jgħorġu l-passaporti tal-pjanti**

Sabiex tiġi żgurata l-uniformità fl-applikazzjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti u tiżdied il-kredibbiltà tal-informazzjoni li tinsab fil-passaport tal-pjanti nnifsu, ir-Regolament (UE) 2016/2031 introduċa rekwiżiti ġodda li għandhom jiġu ssodisfati mill-operaturi li jgħorġu l-passaporti tal-pjanti, billi stabbilixxa r-regoli sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-pjanti, il-kundizzjonijiet għall-eżamijiet, il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonali biex jgħorġu l-passaporti tal-pjanti u l-obbligi ta' dawn l-operaturi awtorizzati (l-Artikoli 69, 87, 89 u 90 rispettivament). Għall-NPPOs, kien hemm ukoll regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni tal-operaturi professjonali (l-Artikoli 65 u 66) u biex tingħata awtorizzazzjoni lill-operaturi professjonali biex jgħorġu l-passaporti tal-pjanti (l-Artikolu 89).

Għalkemm il-passaport tal-pjanti ġeneralment irid jinħareġ minn operaturi awtorizzati, dan kien il-każ għal 12-il Stat Membru biss mill-24 li wiegħbu għall-kwestjonarju. Mit-12 l-oħra li wiegħbu, f'sitta minnhom il-passaporti tal-pjanti nħarġu l-aktar mill-awtoritajiet kompetenti, fi tlieta mit-tnejn li huma, u fit-tlieta l-oħra dan sar skont il-komodità.

Madankollu, kien hemm qbil pjuttost ġenerali (aktar minn 70 % tar-rispondenti) li ma huwiex meħtieġ li l-awtorità kompetenti toħroġ il-passaporti tal-pjanti għal ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra. F'minoranza tal-Istati Membri biss, seba' minn 24, jiġu imposti t-tariffi mill-awtoritajiet pubbliċi fuq l-operaturi sabiex jawtorizzawhom jgħorġu l-passaporti tal-pjanti.

Xi Stati Membri esperjenzaw xi dewmien fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-operaturi professjonali stabbilita fl-Artikolu 65. Sad-data li fiha waslu t-tweġibiet għall-kwestjonarju, fi 13 minn 23 Stat Membru li l-NPPOs tagħhom wiegħbu għall-mistoqsija, l-operaturi professjonali kollha kienu diġà rreġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 65. Il-ħidma

<sup>13</sup> 17 u 14-il NPPO rispettivament, mit-total ta' 24 NPPO li wiegħbu għall-kwestjonarju

<sup>14</sup> 27 u 30 operatur rispettivament, mit-total ta' 43 operatur li wiegħbu għall-kwestjonarju

kienet għadha għaddejja fl-Istati Membri l-oħra. F'dan l-aħħar grupp ta' Stati Membri, id-dewmien huwa minħabba li hemm operaturi ġodda li ma kinux qegħdin joħorġu passaporti tal-pjanti qabel, minħabba l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema ġdida tal-IT għar-reġistrazzjoni, jew minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bejgiegħa mill-bogħod.

L-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar l-awtorizzazzjoni tal-operaturi professjonisti sabiex joħorġu passaporti tal-pjanti ġie s-supplimentat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/827<sup>15</sup>. L-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament jintroduċi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jiżguraw li l-operaturi professjonisti jkollhom aċċess għal gwida teknika dwar il-kriterji li jeħtieġ li jiġu ssodisfati fl-eżamijiet marbuta mal-ħruġ tal-passaporti tal-pjanti. Sad-data li fiha waslu t-tweġibiet għall-kwestjonarju, nofs l-NPPOs wieġbu li diġà pprovdew dik il-gwida teknika, in-nofs l-ieħor wieġbu li għadhom ma pprovdewhiex. Mill-operaturi li wieġbu, kien hemm perċentwal oġhla ta' dawk li diġà rċevew il-gwida teknika minn dawk li għadhom ma rċevewx tali dokumentazzjoni. Il-kwalità tal-gwida pprovduta kienet ikklassifikata insuffiċjenti biss minn minoranza tal-operaturi li wieġbu, u t-tweġibiet l-oħra kklassifikawha l-aktar bħala medja jew tajba. Madankollu, ta' min ifakkar li r-Regolament 2019/827 kien applikabbli mill-14 ta' Diċembru 2020 u l-kwestjonarju tnieda fi Frar tal-2021.

Aspett ieħor li tjiieb minħabba r-rekwiżiti l-ġodda għall-operaturi awtorizzati li joħorġu l-passaporti tal-pjanti huwa l-possibiltà li jidentifikaw il-pesti peress li l-operaturi huma responsabbli mill-eżamijiet sabiex joħorġu l-passaport tal-pjanti. Kważi nofs l-operaturi li wieġbu għall-kwestjonarju ddikjaraw li jużaw l-għarfien espert tagħhom sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni tal-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fil-bini tagħhom, filwaqt li 44.2 % tal-operaturi wieġbu li l-għarfien espert jesternalizzawh.

Kien hemm bidliet fil-persunal u fl-ammont ta' xogħol għall-operaturi u għall-NPPOs minħabba r-rekwiżiti l-ġodda dwar l-operaturi awtorizzati li joħorġu l-passaporti tal-pjanti, li żiedu l-ammont ta' xogħol kemm tal-operaturi kif ukoll tal-NPPOs.

Sittax-il NPPO pprovdew *data* dwar l-għadd totali ta' operaturi reġistrati u operaturi awtorizzati soġġetti għall-passaport tal-pjanti għas-snin 2018, 2019 u 2020. Skont id-*data* pprovduta, mill-2019 l-għadd totali ta' operaturi reġistrati żdied bi 17 %. Barra minn hekk, l-għadd totali ta' operaturi professjonali awtorizzati li joħorġu l-passaporti tal-pjanti żdied b'aktar mid-doppju bejn l-2019 u l-2020.

### **3.4 Arranġamenti għall-bejgħ mill-bogħod – il-ħruġ ta' passaport tal-pjanti għall-utent finali**

L-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jintroduċi eċċezzjoni għall-obbligu li l-pjanti jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti meta jiġu fornuti direttament lil utent finali, iżda din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi applikata meta l-pjanti jaslu permezz ta' bejgħ b'kuntratti mill-bogħod. Għalkemm dan ir-rekwiżit tqies li hu xieraq minn madwar nofs ir-rispondenti, madwar 40 % kienu tal-fehma li m'huwiex meħtieġ jew li hu ta' piż. Kien hemm differenza sinifikanti bejn it-tipi diversi tal-partijiet ikkonċernati li wieġbu għall-kwestjonarju: filwaqt li aktar minn nofs l-NPPOs wieġbu li r-rekwiżit huwa xieraq, kwart biss tal-operaturi kellhom

---

<sup>15</sup>ĠU L 137, 23.5.2019, p. 10–11

din l-istess opinjoni u aktar minn nofshom wiegħbu li dan m'huwiex meħtieġ jew li huwa ta' piż. Kien hemm ukoll xi setturi speċifiċi, eż. fl-attivitajiet ta' konservazzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti, fejn l-operaturi wrew il-ħsieb tagħhom li l-impatt tad-dispożizzjonijiet huwa sproporzjonat għall-kapaċitajiet tagħhom.

L-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati dwar l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-passaport tal-pjanti għall-utenti finali li jirċievu pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra permezz ta' bejgħ b'kuntratti mill-bogħod kienet distribwita b'mod ugwali bejn xierqa u mhux xierqa, għalkemm madwar 40 % ma esprimew l-ebda opinjoni dwar din il-kwistjoni. Min-naħa l-oħra, nofs l-NPPOs ikkonsultati qiesu li hija insuffiċjenti ċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet tal-passaporti tal-pjanti għall-utenti finali li jirċievu l-pjanti permezz ta' bejgħ b'kuntratti mill-bogħod, u ġie indikat li Stati Membri diversi għandhom approċċi diversi.

L-opinjoni dwar il-ħtieġa ta' approċċ aktar armonizzat għall-użu tal-passaporti tal-pjanti fir-rigward ta' kuntratti mill-bogħod għall-utenti finali kienet distribwita b'mod ugwali bejn meħtieġ u mhux meħtieġ, għalkemm madwar kwart tar-rispondenti ma esprimew l-ebda opinjoni dwar din il-kwistjoni.

Ftit kien hemm bidliet fil-persunal tal-NPPOs u tal-operaturi minħabba l-eċċezzjoni għall-provvista diretta lill-utenti finali permezz ta' bejgħ b'kuntratti mill-bogħod li kienu jeħtieġu li jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti, iżda kien hemm żieda fl-ammont ta' xogħol tal-NPPOs.

### **3.5 Passaporti elettroniċi tal-pjanti**

Skont l-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-passaport tal-pjanti għandu jkun fiżikament meħmuż mal-unità kummerċjali; madankollu, l-Artikolu 83(8) jintroduċi l-possibbiltà, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li jiġu stabbiliti l-arranġamenti tekniċi għall-ħruġ ta' passaport elettroniku tal-pjanti. L-introduzzjoni ta' passaport elettroniku tal-pjanti tqieset fattibbli u utli minn aktar minn nofs ir-rispondenti għall-kwestjonarju. Madankollu, l-analiżi dettaljata tat-tweġibiet uriet li kien hemm id-differenzi fost il-gruppi diversi tal-partijiet ikkonċernati. Il-passaport elettroniku tal-pjanti tqies li ma kienx fattibbli biss minn wieħed minn 24 NPPO meta mqabbel ma' 14 minn 43 operatur. Filwaqt li l-ebda NPPO ma kkunsidrat il-passaport elettroniku tal-pjanti bħala "mhux utli", 12 minn 13-il operatur kellhom din l-opinjoni. Fost ir-raġunijiet mogħtija mill-operaturi li wiegħbu li l-passaport elettroniku tal-pjanti m'huwiex fattibbli u m'huwiex utli hemm il-piżijiet u l-kostijiet il-ġodda, l-aktar għall-professjonisti ż-żgħar. Ġie propost li jekk jiġi introdott passaport elettroniku tal-pjanti, il-verżjoni stampata jenħtieġ li titħalla tintuża.

### **3.6 Pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni (RNQPs)**

Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-passaporti tal-pjanti kienu garanzija li l-materjal tal-pjanti nneozjat kien ħieles minn pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 85 ta' dan ir-Regolament, il-passaport tal-pjanti issa, minbarra l-ħelsien mill-QPs, jikkonferma li r-rekwiżiti għall-RNQPs u l-miżuri kontra tagħhom ġew issodisfati.

Riżultat ċar tal-kwestjonarju huwa l-ħtieġa ta' aktar koerenza bejn ir-Regolament dwar is-Saħħa tal-Pjanti u l-leġiżlazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, minħabba li hemm dispożizzjonijiet dwar l-RNQP fil-każ tal-materjal tal-propagazzjoni tal-frott u tal-pjanti tal-frott u tal-materjal tal-propagazzjoni tad-dwieli kemm fil-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti kif ukoll fil-leġiżlazzjoni dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dan joħloq konfużjoni dwar liema rekwiżiti legali għandhom jiġu segwiti. Huwa diffiċli li wieħed jasal għal konklużjoni dwar il-benefiċċju tar-rekwiżiti l-ġodda tal-passaport tal-pjanti fir-rigward tal-RNQPs minħabba li l-għadd ta' risponenti li jikklassifikaw ir-regoli bħala effiċjenti jew ineffiċjenti tqassam b'mod ugwali, filwaqt li madwar terz tar-risponenti kklassifikaw is-sistema tal-passaport tal-pjanti estiża reċentement bħala la effiċjenti u lanqas ineffiċjenti. Raġuni possibbli għall-opinjoni diverġenti tirriżulta mill-approċċ għaċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ, li huwa magħmul minn proċess f'diversi stadji li jinkludi kontrolli ufficijali matul u wara l-proċess ta' ċertifikazzjoni. Diversi risponenti ma rawx il-ħtieġa li l-passaport tal-pjanti jkun fih informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-RNQP billi l-kontrolli ufficijali matul u wara ċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ diġà jiggarrantixxu li l-lottijiet taż-żrieragħ innegozjati jkunu ħielsa mill-RNQPs.

Ir-regoli l-ġodda dwar il-passaporti tal-pjanti ma kellhomx impatt fuq l-effiċjenza tal-kontrolli ufficijali għall-RNQPs peress li l-biċċa l-kbira tal-NPPOs u tal-Awtoritajiet Kompetenti taċ-Ċertifikazzjoni diġà kienu qegħdin iwettqu kontrolli ufficijali simultanji għall-RNQPs u għall-QPs qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/2031. Żewġ NPPOs biss u AK taċ-Ċertifikazzjoni waħda ddikjaraw li bdew jagħmlu l-kontrolli għall-RNQPs u għall-QPs simultanjament sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar is-Saħħa tal-Pjanti. Benefiċċju ċar tal-kontrolli simultanji għall-RNQPs u għall-QPs huwa li jitwettqu l-aktar mill-istess spettur (91 %). Il-maġġoranza tal-kontrolli ufficijali jsiru fil-post tal-orijini (82 %).

Ir-Regolament (UE) 2016/2031 ma kellux impatt sinifikanti fuq l-għadd ta' kontrolli ufficijali għall-RNQPs (42 % tal-awtoritajiet kompetenti wieġbu li l-għadd ta' kontrolli ufficijali relatati mal-passaporti tal-pjanti għall-RNQPs baqa' l-istess filwaqt li 33 % tar-risponenti ddikjaraw żieda ta' anqas minn 25 %). L-estensjoni tar-rekwiżiti dwar il-passaport tal-pjanti ma kkawżatx żieda fl-għadd ta' nuqqasijiet ta' konformità mar-rekwiżiti u l-miżuri dwar l-RNQP. F'każi ta' nuqqas ta' konformità, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet kompetenti infurmaw lill-Istat Membru kkonċernat u rrifjutaw il-kunsinna. Xi awtoritajiet kompetenti wieġbu li l-azzjoni meħuda tiddependi mill-każ speċifiku, u oħrajn għadhom ma ltaqawx ma' kunsinni mhux konformi.

### **3.7 Għarfien ġenerali dwar il-passaporti tal-pjanti**

Sabiex isir magħruf x'kien l-għarfien taċ-ċittadini dwar ir-rekwiżiti tal-passaport tal-pjanti, il-kwestjonarju kien jinkludi wkoll mistoqsijiet speċifiċi l-għal dan il-grupp ta' partijiet ikkonċernati. Aktar minn nofs iċ-ċittadini li wieġbu kienu jafu li l-pjanti jridu jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti fil-livell tan-negozju; madankollu, madwar terz biss kienu jafu li l-pjanti mixtrija online ukoll jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti. Għalkemm il-biċċa l-kbira minnhom ma kinux jafu r-rekwiżiti tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti mixtrija online, aktar minn nofs kienu tal-fehma li dan ir-rekwiżit huwa idea tajba meta mqabbel ma' madwar terz biss li kienu jemmnu li dan huwa kontroproduktiv.

#### 4 KONKLUŻJONIJIET

B'mod ġenerali, is-sistema estiża tal-passaport tal-pjanti kkontribwixxiet għall-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament (UE) 2016/2031, b'mod partikolari lejn aktar effettività tal-protezzjoni kontra l-QPs, lejn tħejjija mtejba għall-identifikazzjoni ta' pesti tal-pjanti ġodda ta' tħassib għall-UE, lejn fehim u għarfien imtejba tal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-importanza tas-saħħa tal-pjanti, u lejn aktar possibbiltà li jiġu identifikati l-pesti.

Madankollu, l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati ħassew li l-estensjoni tas-sistema tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil hija ta' piż u diffiċli. Barra minn hekk, il-feedback tal-partijiet ikkonċernati jindika li t-tranżizzjoni għar-rekwiżiti l-ġodda mhux dejjem kienet bla xkiel u r-regoli l-ġodda relatati mal-passaporti tal-pjanti mhux dejjem kienu ċari, u b'hekk fil-bidu l-implimentazzjoni kienet aktar diffiċli. Il-partijiet ikkonċernati qablu li d-dispożizzjonijiet il-ġodda żiedu l-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni kontra l-pesti u l-kostijiet li ddikjaraw ma humiex sinifikanti. Madankollu, fl-istess ħin iħossu li xi wħud mir-rekwiżiti joħolqu piż amministrattiv u kostijiet assoċjati addizzjonali li jisbqu l-benefiċċji addizzjonali perċepiti tagħhom. Dan huwa partikolarment minnu għall-ħtieġa li l-passaport tal-pjanti jiġi meħmuż ma' kull waħda mill-unitajiet kummerċjali, u għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-bejgħ mill-bogħod. Ir-respondenti wrew il-fehma wkoll li l-funzjonament ġenerali tas-settur tal-pjanti għat-tħawwil u taż-żrieragħ ma kienx esperjenza bidla sinifikanti.

Sabiex jittejbu l-effettività u l-implimentazzjoni Prattika tas-sistema estiża tal-passaport tal-pjanti u biex dan ikun aktar utli, hemm bżonn ta' aktar diskussjonijiet sabiex jiġi identifikat it-titjib immirat li hemm bżonn. Dan it-titjib jikkonċerna (1) id-dispożizzjonijiet dwar it-twaħħil tal-passaporti tal-pjanti mal-unitajiet kummerċjali u (2) l-arranġamenti għall-bejgħ mill-bogħod; (3) hemm ħtieġa wkoll ta' aktar diskussjoni dwar l-introduzzjoni possibbli ta' passaport elettroniku tal-pjanti u kif tista' tiġi implimentata din il-bidla mingħajr żieda bla bżonn tal-piż amministrattiv fuq il-produtturi ż-żgħar u mingħajr ma tintilef it-traċċabbiltà li jipprovdi passaport tal-pjanti meħmuż mal-unitajiet kummerċjali skont ir-regoli l-ġodda li issa huma fis-seħħ. Madankollu jenħtieġ li kull emenda putattiva tar-reġim il-ġdid tal-passaport tal-pjanti, jkollha ambitu limitat, peress li prinċipalment tkun tikkonċerna aġġustamenti għas-sistema eżistenti.